MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2010

Numru. 864/2003

**IL-PULIZIJA**
**SUPRITENDENT ABRAHAM ZAMMIT**

**KONTRA**

**PAUL DEBATTISTA ta’ 47 sena, iben John u Carmela nee’ Galea, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-08.02.1963, residenti fil-fond numru 126, Pjazza Antoine De Paule, u/jew Kuntakita, Triq Anglu Mangion, Hal-Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 104563M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **PAUL DEBATTISTA** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta’ Lulju, 2003 ghall-habta tal-4.00pm, fi Triq Hal-Luqa, Rahal Gdid, minghajr il-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja f’periklu car, darab jew sawwat lil Nicholas Spiteri mill-Gharghur u kkagunalu feriti ta’ natura gravi, ai termini ta’ l-Artikolu 216(1)(b), skond kif iccertifika Dr J Agius MD mic-Centru tas-Sahha Rahal Gdid;

2. U aktar talli fl-istess post, data, hin, u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, darab jew sawwat lil Ruth Sammut minn Paola u kkagunalha feriti ta’ natura hafifa, ai terimini ta’ l-Artikolu 221(1) skond kif iccertifika Dr D Aquilina MD ta’ l-Isptar San Luqa;

3. U aktar tali fl-istess data, hin, u cirkostanzi, kiser il-paci pubblika b’ghajjat, glied jew b’mod iehor;

4. U kif ukoll talli sar recidiv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 8);

Rat illi fl-istadju ta’ l-interrogatorju l-imputat wiegeb illi ma kienx hati ta’ l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, kif ukoll iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji quddiem din il-Qorti kif preseduta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Abraham Zammit xehed illi huwa kien fil-fatt kellem lill-imputat wara l-incident in dezamina. Gara li wara ncident stradali li fih kien involut l-imputat, waqt li kienu qed jistennew lill-pulizija, inqala’ argument bejn mart l-imputat ma’ sewwieq li kien fuq in-naha l-ohra tat-triq. Xehed illi qallu l-imputat li hin minnhom ra lil martu go grupp ta’ xi erbgha minn nies, kienet qed tghajjatlu b’vuci gholja rrabjata, qasam it-triq u beda jimbotta u jaghti.

F’dan l-incident Spiteri u Sammut spiccaw sofrew griehi. Kien wara li Debattista skopra li fil-fatt ma kienx hemm l-argumenti ma’ martu li haseb haseb hu.

Andrew Sciberras xehed li kien direttament involut fl-incident ma’ l-imputat, it-tnejn bil-vettura taghhom. Qal illi nqalghet diskussjoni bejn habiba tieghu u mart l-imputat, tant illi bdew jghajtu hafna u jaghmlu hafna storbju. Spjega li l-imputat allura gie minn naha l-ohra tat-triq, anzi spjega li gera minn naha l-ohra tat-triq, dahal gox-xhud u ta daqqa ta’ ponn lit-tfajla, certa Ruth Sammut, u daqqa ohra lil certu Niki. Xehed fil-fatt illi kellhom iwaqqfu lill-imputat tal-Mobile Squad. Spjega li l-incident gara hdejn id-dar ta’ Sammut, li allura marret fuq il-post ta’ l-incident. Ikkonferma li waqt dan l-incident kien hu, certu Christian Ransley, Nicholas Spiteri, u Ruth Sammut imdawrin ma’ Mrs Debattista – kien f’dan il-mument li ntervjena Paul Debattista.

Dr Jos Agius xehed dear il-griehi sofferti minn Nicholas Spiteri. Qal illi dan kellu lacerazzjoni fuq in-naha centrali ta’ mohhu ta’ 2.3 centimetri li kellha bzonn is-sutturi. Zied illi l-perm tal-griehi kien fil-wicc, kienu gravi di natura. Ikkonferma li dawn il-griehi kienu rizultat ta’ blunt injury. Ezebixxa Dok JA folio 44.

Xehed ukoll Nicholas Spiteri, bhala xhud pajzan mhux ufficjal tal-pulizija. Spjega li kellu mieghu passiggier certu Christian Ransley. Ra mill-mera habib tieghu involut f’incident stradali – allura waqaf.

Nizlu jistaqsu lil Andrew Sciberras x’kien okkorra. Xehed illi kif wasal hdejn il-lok ta’ l-incident, ra hgieg ahdar imkisser ma’ l-art taht il-bieba tat-Toyota tal-habib tieghu. Dan Andrew Sciberras qallu li Debattista kien hareg ghalih bi flixkun li kien habbat ma’ l-art, pero kien wara kkalma. Qal illi dan l-incident gara quddiem dar ta’ habiba tieghu, certa Ruth Sammut, li allura harget minn go darha biex taghtihom l-ghajnuna. Zied illi ghal xi raguni l-mara ta’ l-imputat marret hdejhom u qabdet argument ma’ din Ruth Sammut, argument rigward il-habta. Nonostante li din

Ruth spjegatilha li ma kellha x'taqsam xejn ma' l-incident, il-mara ta' l-imputat imbuttat lil din Ruth minn spallejha. Spjega li zewgha (l-imputat) gie jigri minn naha l-ohra tat-triq fejn kien qieghed, girja wahda, ta daqqa ta' ponn lil Ruth go wiccha (folio 47). Xehed illi b'dan huwa staghgeb, dar biex jara x'kien gralha din Ruth, ra daqqa ta' ponn ohra gejja, laqtu fuq mohhu. Spjega li ghamlulu 5 punti fuq mohhu. Qal illi ma kienx jaf ghalfejn qala' din id-daqqa ta' ponn, li lanqas kien kellem lill-imputat. Spjega li huma bhala grupp qatt ma resqu lejn il-mara ta' l-imputat, kienet din li avvicinathom. Zied illi ma setax jifhem ghalfejn din il-mara imbuttat lil Ruth.

Christian Ransley kien passiggier ma' Nicholas Spiteri. Habat Andrew Sciberras u waqfu jaghtuh l-ghajnuna. Imxew ghalhekk lejn il-vettura mahbuta, fejn sabu lill-imputat ma' martu. Raw ukoll flixkun miksur ma' l-art. Spjega li giet ukoll certa Ruth, habiba taghhom, kif anke waslu fuq il-post tal-Mobile Squad. Qal illi huma kieinu fuq naha wahda tat-triq, u Debattisijiet fuq in-naha l-ohra. Spjega li wara ftit il-mara ta' Debattista qasmet it-triq u bdiet targumenta ma' Ruth Sammut, li qaltilha li ma kellhiex x'taqsam. Qal illi din il-mara mbuttat lil Ruth u ghalhekk hu u Niki marru quddiem Ruth biex jevitaw il-glied. Zied illi f'daqqa wahda qabez it-triq is-Sur Debattista u ta daqqa ta' ponn f'wicc Ruth. Imbaghad beda jaghti bil-ponn, anke ta daqqa ta' ponn lil Niki go rasu. Spjega li dan l-incident dam xi ftit sekondi 'Daqqa ta' ponn, daqqa ta' ponn ohra u daqshekk.' (folio 59).

PC 573 Paul Camilleri xehed illi hu bhala pulizija waqaf fuq is-sit ta' l-incident awtomobbilistiku u hemm ra lill-imputat jaghti daqqa ta' ponn lil Nicholas Spiteri. Dan ix-xhud sema' pero li kien hemm glieda pero ma kienx jaf kif inqalghet. Iddeskriva l-glieda bhala kulhadd imqabbad go xulxin (folio 73), b'dan inkluda wkoll mara li pero ma kienx jaf li hija l-mara ta' Debattista.

Xehed ukoll certu Joseph Rizzo li kien prezenti ghall-incident in dezamina li qal li wara l-incident awtomobbilistiku mar hdejn il-habib tieghu l-imputat. Xehed illi waqt li hu u l-imputat kienu bil-qieghda fuq in-

naha l-ohra tat-triq mal-hadid, il-mara ta’ l-imputat u t-tfajla tieghu bdew jargumentaw u ghollew idejhom tant li f’daqqa wahda nqalghet konfuzjoni. Xehed illi Pawlu telaq jigri, hataf lill-mara tieghu ghaliex kien hemm tlieta ohra barra t-tfalja l-ohra, u wiehed minn dawn it-tlieta beda jxejjer idejh (folio 78). Qal illi lil Pawlu rah biss izomm lill-mara tieghu. Qabel illi meta Pawlu kien qieghed izomm lill-mara tieghu ra wiehed mill-gemgha jzomm maktur ma’ wiccu ghax kellu d-demm.

Spjega ghalhekk illi s-Sinjura Debattista kienet fost il-gemgha ta’ nies li kienu mal-persuna wkoll involuta fl-incident. Iddeskriva li kien hawn li nqala’ argument bejn in-nisa, rahom jimbuttaw lil xulxin. Fuq suggeriment u biss fuq suggeriment ta’ l-Avukat Difensur dan ix-xhud qabel illi din it-tgegwigija ta’ nies bdew isawtu lill-mara ta’ l-imputat. Ghall-mistoqsija ta’ l-Avukat Difensur kemm kien hemm nies imdawra mal-mara ta’ l-imputat isawtuha, allura wiegeb ‘Marru erbgha zgur fuqha.’ (folio 82). Qabel ukoll ma’ dak li qallu l-Avukat Difensur illi fil-vettura ta’ Debattista kien hemm zewgt itfal minorenni. Dejjem baqghu n-naha ta’ ommhom dawn it-tfal, pero ma kienx jaf fejn kienu waqt l-argument.

Minn naha taghha Ruth Sammut Casingena xehdet illi xogholha kien ta’ muzicista u li dakinhar ta’ l-incident kienet qieghda tistenna lill-hbieb taghha Chris Ransley, Niki, u Andrew. Hawn semghet konfuzjoni, harset u ndunat illi Paul Debattista kien hareg ghalihom mill-karozza. Rat battibekk bejniethom. Qalet illi l-mara ta’ Debattista kienet qieghda tikkustinja maghhom, qabzet u qaltilha li kienu gejjin bi speed minhabba t-tyre marks, kien hawn illi s-Sinjura Debattista qaltilha li ma kellhiex ghalfejn tindahal, u mbuttatha. Qalet illi f’salt wiehed qalghet daqqa ta’ ponn minghand Paul Debattista. Sofriet tbengil go wiccha, fuq in-naha tal-lemin. Tghid illi x’hin inqala’ l-battibekk u mbuttatha, Debattista gie minn warajha u refa’ jdejh fuqha. Qalet ukoll illi minn dawn il-proceduri ma riedet xejn, illi kienet qieghda tirrinunzja ghall-azzjoni (folio 94).

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi kif prodotti din il-Qorti tinsab konvinta mill-htija ta’ l-imputat. Tiskarta ghal kollox dak suggerit mid-Difiza li fil-fatt is-Sinjura Debattista kienet imdawra u msawta. Anzi, hemm provi bizzejjed li juru li fil-fatt kienet hi li kienet hdejn l-erbat ihbieb jistennew lill-pulizija wara l-kolluzjoni, kienet hi li fil-fatt attakkat lil Ruth Sammut billi mbuttatha. Zewgha li gia’ kellna ndikazzjoni li anke kisser flixkun, jekk mar biex jiddefendi lil martu, u dan il-Qorti tghidu b’jekk kbira, certament mar oltre l-livell ta’ difiza accettabbli, ghax spicca wegga’ b’mod gravi lil Spiteri u hafif lil Sammut billi mar ixejjer bil-ponn. Ma taqbilx il-Qorti ma’ dak li trattat id-Difiza li donnu Spiteri ntlaqat b’mod involontarju. Ma hemm xejn involontarju f’azzjoni ta’ bniedem illi jaqsam go erbgha minn nies u jxejjer bil-ponn lejhom. L-azzjoni hija wahda volontarja bi hsieb specifiku li jaghmel il-hsara lil min gie milqut. Taqbel pero dwar ir-rinunzja ta’ Ruth Sammut.

Ghaldaqstant qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli 216 u 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Dwar il-piena, rat ukoll il-fedina penali aggornata u qieghda tikkundanna lill-imputat ghal piena karcerarja ta’ sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin, u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------